KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CRUZ VILLALÓN
ippreżentati fil-21 ta' Diċembru 2011 [1]

Kawża C-336/09 P

Ir-Repubblika tal-Polonja
vs

Il-Kummissjoni Ewropea

"Appell — Agrikoltura — Organizzazzjoni komuni tas-swieq — Miżuri tranżitorji adottati fil-perspettiva tal-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda — Regolament (KE) Nru 60/2004 — Rikors għal annullament — Terminu — Bidu tad-dekorrenza — Tardività — Dritt għal rikors tal-Istati Membri ġodda fir-rigward tal-atti adottati bejn id-data tal-iffirmar u d-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni — Unjoni ta' dritt — Valuri tal-Unjoni — Stat ta' dritt — Ugwaljanza tal-Istati Membri quddiem it-Trattati"

1. Erba' snin wara s-sentenza mogħtija fit-23 ta'Ottubru 2007 fil-Kawża Il-Polonja vs Il-Kunsill, C-273/04 [2], dwar rikors għal annullament tar-Repubblika tal-Polonja kontra deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li l-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet fuq il-mertu mingħajr ma eżaminat l-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà għal tardività imqajma mill-Kunsill [3], il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi appell kontra digriet li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ddikjarat bħala inammissibbli minħabba tardività, u għalhekk mingħajr ma eżaminat il-mertu tal-każ, rikors għal annullament ippreżentat f'kuntest simili ħafna mir-Repubblika tal-Polonja, din id-darba kontra regolament tal-Kummissjoni Ewropea [4]. Ir-Repubblika tal-Polonja b'hekk qed tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja biex teżamina, fil-kuntest ta' appell, l-argumenti li hi ppreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali bl-għan li jiġi stabbilit li r-rikors tagħha ma setax jiġi ddikjarat inammissibbli minħabba tardività, f'termini li kienu s-suġġett ta' eżami eżawrjenti min-naħa tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Polonja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq. L-analiżi ta' dan tal-aħħar, li jien naqbel magħha fil-parti l-kbira, ser tħallini niffoka ħsibijieti fuq perspettivi addizzjonali.

I – Il-fatti li wasslu għall-kawża, il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u d-digriet ikkontestat

2. Permezz tad-digriet tagħha tal-10 ta' Ġunju 2009, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni (T-258/04) [5], il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (li issa saret il-"Qorti Ġenerali") ċaħdet bħala inammissibbli, minħabba dekadenza, ir-rikors tar-Repubblika tal-Polonja għall-annullament tal-Artikolu 5, tal-Artikolu 6(1) sa (3), tal-Artikolu 7(1) u tal-Artikolu 8(2)(a), tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 60/2004, tal-14 ta' Jannar 2004, li jistabbilixxi miżuri transitorji fis-settur taz-zokkor bħala riżultat tad-dħul tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja [6].

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — C-273/04, Ġabra. p. I-8925.

3 — Punt 33.

4 — Fl-istess ħin, il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita wkoll b'appell ieħor f'kawża simili, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, (C-335/09 P), li għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra sentenza tal-Qorti Ġenerali li bl-istess mod u għall-istess raġunijiet parzjalment ċaħdet bħala inammissibbli minħabba tardività rikors tar-Repubblika tal-Polonja kontra regolament ieħor tal-Kummissjoni.

5 — Iktar 'il quddiem id-"digriet ikkontestat".

6 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3,Vol. 42, p. 125.

3. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-Regolament tal-Kummissjoni Nru 60/2004 kien ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tal-15 ta' Jannar 2004 u li t-terminu għall-preżentata ta' rikors kontrih kien għalhekk skada fit-8 ta'April 2004. Ir-rikors tar-Repubblika tal-Polonja ġie ppreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-28 ta' Ġunju 2004, u l-Qorti Ġenerali għaldaqstant iddikjarat li dan ġie ppreżentat tardivament [7].

4. Il-Qorti Ġenerali laqgħet l-eċċezzjoni tal-inammissibbilta' mqajma mill-Kummissjoni, fuq il-bażi ta' applikazzjoni stretta tad-dispożizzjonijiet tal-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE. Fil-fatt, hija sabet li r-rikors kontra r-Regolament tal-Kummissjoni Nru 60/2004/KE kien ġie ppreżentat wara t-terminu ta' xahrejn iffissat minn din id-dispożizzjoni, terminu li għandu jibda jgħodd mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu, u kkonkludiet li l-azzjoni tar-Repubblika tal-Polonja kienet suġġetta għal dekadenza [8], filwaqt li rrifjutat, wara din id-deċiżjoni, l-argumenti differenti mressqa mir-Repubblika tal-Polonja.

5. Inċaħdu wkoll, bħala li ma humiex ta' natura li jikkontestaw din il-konklużjoni, l-argumenti mnissla mill-fatt li l-imsemmi regolament ma kienx ġie ppubblikat fl-għoxrin lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea [9], mill-fatt li d-dħul fis-seħħ tiegħu kien suġġett għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Adeżjoni [10] u mill-fatt li dan kien indirizzat lill-Istati Membri kollha, inklużi l-Istati Membri futuri [11].

6. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali mbagħad uriet li din l-applikazzjoni stretta tat-termini tal-proċedura li għandha tibda tgħodd mid-data tal-pubblikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 60/2004 ma tiksirx id-dritt għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tar-Repubblika tal-Polonja [12].

7. Fil-kuntest tal-eżami tal-ammissibbiltà tar-rikors, il-Qorti Ġenerali ħadet ħsieb tfakkar ukoll li ma jistax ikun hemm eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni stretta tar-regoli Komunitarji dwar termini proċedurali ħlief f'ċirkustanzi kompletament eċċezzjonali, f'avvenimenti aċċidentali jew ta' forza maġġuri [13]. Madanakollu, il-Qorti Ġenerali hija tal-fehma illi r-Repubblika tal-Polonja ma spjegatx kif iċ-ċirkustanzi fil-kawza prinċipali kienu verament eċċezzjonali fir-rigward tagħha, tant li jistgħu jiġġustifikaw deroga mill-prinċipju ta' applikazzjoni stretta tat-termini proċedurali b'detriment għall-prinċipju ta' ċertezza legali.

8. Bl-appell tagħha, ir-Repubblika tal-Polonja titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-digriet ikkontestat, tagħti deċiżjoni finali dwar ir-rikors, u b'hekk tiddikjara r-rikors tagħha kontra r-Regolament Nru 60/2004/KE bħala ammissibbli u tilqa' l-konklużjonijiet tagħha dwar il-merti pprezentati fl-ewwel istanza.

II – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-konklużjonijiet tal-partijiet

9. Ir-Repubblika tal-Polonja ppreżentat dan l-appell fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Awwissu 2009. Fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha hi talbet li l-appell tagħha jinstema' mill-Awla Manja.

10. Peress illi l-ebda talba f'dan is-sens ma tressqet mill-partijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma żżommx seduta.

11. Ir-Repubblika tal-Polonja titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla d-digriet kkontestat;

7 — Punti 42 sa 46 tad-digriet ikkontestat.
8 — Punti 46, 70 u 71 tad-digriet ikkontestat.
9 — Punti 48 sa 50 tad-digriet ikkontestat.
10 — Punti 51 u 52 tad-digriet ikkontestat.
11 — Punti 53 sa 56 tad-digriet ikkontestat.
12 — Punti 57 sa 70 tad-digriet ikkontestat.
13 — Punt 55 tad-digriet ikkontestat.

— tannulla l-Artikolu 5, l-Artikolu 6(1) sa (3), l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 8(2)(a) tar-Regolament Nru 60/2004, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

12. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad l-appell bħala infondat, u

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

III – Dwar l-appell

A – *Argumenti mressqa mir-Repubblika tal-Polonja*

13. Insostenn tal-appell tagħha, ir-Repubblika tal-Polonja tqajjem ħames aggravji sabiex tikkritika l-eżami li għamlet il-Qorti Ġenerali dwar l-ammissibbilta' tal-appell tagħha kontra r-Regolament tal-Kummissjoni Nru 60/2004/KE [14].

14. Fl-ewwel lok, ir-Repubblika tal-Polonja takkuża lill-Qorti Ġenerali talli ddeċidiet, bi ksur tar-Regolament Nru 1 tal-Kunsill, tal-15 ta' April 1958, li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea [15], li t-terminu għall-preżentata ta' rikors kontra r-Regolament Nru 60/2004 beda jiddekorri fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-lingwi uffiċjali tal-Komunità Ewropea ffurmata minn ħmistax-il pajjiż, u għalhekk qabel il-pubblikazzjoni tiegħu fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Komunità estiza.

15. Fit-tieni lok, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat li hija setgħet, anki qabel l-adeżjoni tagħha fl-Unjoni Ewropea, effettivament tippreżenta rikors għal annullament kontra r-Regolament Nru 60/2004 mhux fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 230 KE, li b'mod partikolari jistabbilixxi d-dritt inkundizzjonali ta' azzjoni għall-Istati Membri, iżda fuq il-bażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE, jiġifieri fuq l-istess bażi u taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk ipprovduti għall-individwi jew għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi. Hija b'mod partikolari ssostni u, minn naħa waħda, li r-Regolament Nru 60/2004 kien impona biss, fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-15 ta' Jannar 2004, obbligi fuq l-Istati Membri, fejn f'dik id-data r-Repubblika tal-Polonja bħala regola ġenerali ma kinitx għadha Stat Membru, u obbligi li iktar minn hekk huma futuri u japplikaw biss mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Adeżjoni. Min-naħa l-oħra, u sussidjarjament għal dan, ir-Repubblika tal-Polonja tikkunsidra li fil-mument ta' din il-pubblikazzjoni hija ma kinitx tissodisfa l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-ammissibbiltà stabbiliti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE.

16. Fit-tielet lok, ir-Repubblika tal-Polonja tqis li, billi ċċaħħdet mid-dritt li tissuġġetta r-Regolament Nru 60/2004 għal stħarriġ ġudizzjarju minkejja li dan tal-aħħar kien indirizzat lejha fil-kwalità tagħha ta' Stat Membru, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju tal-Komunità tad-dritt u d-dritt tagħha li jkollha protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Hija żżid tgħid li l-applikazzjoni stretta tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw it-termini għall-preżentata ta' rikors ma tistax twassal għal inugwaljanza bejn l-Istati Membri differenti u partikolarment f'dak li jirrigwarda l-protezzjoni ġudizzjarja tal-Istati Membri l-qodma u l-ġodda.

17. Fir-raba' lok, ir-Repubblika tal-Polonja tikkunsidra li, billi nċaħad lilha d-dritt li tipproċedi ġudizzjarjament kontra r-Regolament Nru 60/2004, li illegalment biddel il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tagħha fl-Unjoni Ewropea u kiser il-bilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija tagħha fl-Unjoni, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipji tas-solidarjetà u ta' *bona fide*.

14 — Punti 40 sa 71 tad-digriet ikkontestat.

15 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 3.

18. Fl-aħħar nett, fil-ħames lok, ir-Repubblika tal-Polonja tqis li l-Qorti Ġenerali wettqet irregolarità proċedurali meta ma eżaminatx l-argumenti relatati mal-ksur tal-prinċipji tas-solidarjetà u ta' *bona fide* u ma mmotivatx biżżejjed id-digriet ikkontestat.

B – *Analiżi*

19. Il-ħames aggravji mqajma mir-Repubblika tal-Polonja joħolqu kważi kollha kwistjonijiet ta' portata sinjifikattiva, fil-kuntest partikolari u dejjem delikat tat-tkabbir progressiv tal-Unjoni lil Stati oħra li jiffurmaw parti mill-Ewropa. Ir-Repubblika tal-Polonja ppreżentat l-aggravji tagħha fl-ordni deskritta iktar 'il fuq u bħala regola ġenerali din hi l-ordni li biha l-Qorti tal-Ġustizzja għandha normalment tindirizzahom.

20. Madankollu, teżisti ġerarkija ċara bejn dawn l-aggravji differenti. It-tielet aggravju, b'mod partikolari, għandu, fl-opinjoni tiegħi, jitqies bħala pprivileġġjat, minħabba li jqajjem domandi li jolqtu l-bażi tal-Unjoni, il-valuri, b'mod partikolari dak tal-istat tad-dritt, li fuqhom hi bbażata l-Unjoni [16], il-prinċipju ta' Unjoni tad-dritt [17] li fiha l-atti tal-istituzzjonijiet huma suġġetta għal-"liġi" [18], kif ukoll il-prinċipju strutturali tal-Unjoni li jistabbilixxi l-ugwaljanza tal-Istati Membri quddiem it-Trattati [19], kif stabbilit fl-Artikolu 4(2) TUE [20]. Madankollu, għandu jiġi ppreċiżat li, inevitabbilment, l-argumenti mressqa mir-Repubblika tal-Polonja fit-tieni aggravju tagħha, li jqajjem il-kwistjoni tal-applikabbiltà għal kawża tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE għal Stat Membru "imminenti" ser jiġu indirizzati indirettament fil-kuntest ta' din l-analizi.

21. Madankollu, qabel ma jibda dan l-eżami doppju, għandha titfakkar, kif barra minn hekk għamlet il-Qorti Ġenerali fid-digriet ikkontestat, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li bis-saħħa tagħha, min-naħa l-waħda, l-applikazzjoni stretta tar-regolamentazzjoni Komunitarja dwar it-termini proċedurali tissodisfa r-rekwiżit taċ-ċertezza legali u l-ħtieġa li jiġi evitat kull tip ta' diskriminazzjoni jew kull trattament arbitrarju fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja [21] u, min-naħa l-oħra, ma jistax ikun hemm deroga mill-ġurisprudenza ħlief f'ċirkustanzi għal kollox eċċezzjonali, f'każijiet fortuwiti jew f'każ ta' forza maġġuri, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jew f'każ ta' żball skużabbli [22]. Fil-każ li din il-kawża għandha tiġi riżolta abbażi tal-applikazzjoni stretta tad-dispożizzjonijiet ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE, huwa ċar, mingħajr il-ħtieġa li wieħed jidħol fid-dettall, li l-appell għandu għalhekk ċertament jiġi ddikjarat bħala

16 — L-istess kliem użat fl-Artikolu 2 TUE.

17 — Ara, skont it-terminoloġija issa użata mill-Qorti tal-Ġustizzja , is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2010, E u F (C-550/09, Ġabra p. I-6213, punt 44).

18 — Għall-Karta Kostituzzjonali li tikkostitwixxi t-trattati, biex tintuża l-espressjoni tas-sentenza tat-23 ta'April 1986, Les Verts vs Il-Parlament (294/83, Ġabra p. 1339, punt 23).

19 — Għalkemm it-trattati ma jirreferux b'mod espliċitu għall-prinċipju ta' ugwaljanza tal-Istati Membri, sakemm kien hemm l-intervent fit-Trattat ta' Lisbona, il-Qorti tal-Ġustizzja xorta waħda kienet irrikonoxxiet li dan kien b'xi mod kosostanzjali fl-imsemmija trattati. Ara, f'dan is-sens, J. Zemanek, "The Principle of Equality", f'C. Kaddous,. u A. Auer, *Les principes fondamentaux de la Constitution européenne*, Helbing & Lichtenhahn, LGDJ, 2006, p. 237; K. Lenaerts u P. Van Nuffel, "Advanced Integration and the Principle of Equality of Member States within the European Union", f'C. Kaddous u A. Auer, *op. cit.*, p. 245, speċjalment p. 249. Ara s-sentenzi tas-7 ta' Frar 1979, Il-Kummissjoni vs L-Italja (39/72, Ġabra p. 101, punt 24), u tas-7 ta' Frar 1979, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (128/78, Ġabra p. 419, punt 12). Ara wkoll, f'perspettiva totalment differenti, is-sentenza tad-29 ta' Marzu 1979, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (231/78, Ġabra p. 1447, punt 9).

20 — F'dan ir-rigward, din id-dispożizzjoni tirriproduċi l-Artikolu I-5 tal-abbozz tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, li kien adotta l-formulazzjoni ġurisprudenzjali tal-prinċipju msemmi iktar 'il fuq. Ara, f'dan ir-rigward, J.-C. Piris, *The Lisbon Treaty — A Legal and Political Analysis*, Cambridge University Press, 2010, p. 83 u 84; M. Blanquet, "Article I-5", f'L. Burgorgue-Larsen, A. Levade u F. Picod (edituri.), *Traité établissant une Constitution pour l'Europe*, t. 1, Bruylant, 2007, p. 96.

21 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 1984, Ferriera Valsabbia vs Il-Kummissjoni (209/83, Ġabra p. 3089, punt 14), kif ukoll id-digrieti tal-5 ta' Frar 1992, Franza vs Il-Kummissjoni (C-59/91, Ġabra p. I-525, punt 8); tas-7 ta' Mejju 1998, L-Irlanda vs Il-Kummissjoni (C-239/97,Ġabra p. I-2655, punti 7 sa 9); tas-17 ta' Mejju 2002, Il-Ġermanja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, (C-406/01, Ġabra p. I-4561, punt 20), u tat-8 ta' Novembru 2007, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-242/07 P, Ġabra p. I-9757, punt 16).

22 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-5 ta'April 1979, Orlandi vs Il-Kummissjoni (117/78, Ġabra p. 1613, punti 10 u 11), u tal-15 ta' Diċembru 1994, Bayer vs Il-Kummissjoni (C-195/91 P, Ġabra p. I-5619), punt 26), kif ukoll id-digrieti tas-27 ta' Novembru 2007, Diy-Mar Insaat Sanayi ve Ticaret u Akar vs Il-Kummissjoni (C-163/07 P, Ġabra p. I-10125, punt 36); tal-14 ta' Jannar 2010, SGAE vs Il-Kummissjoni (C-112/09 P, Ġabra p. I-351, punt 20), u tas-16 ta' Novembru 2010, Internationale Fruchtimport Gesellschaft Weichert vs Il-Kummissjoni (C-73/10 P, Ġabra p. I-11535, punt 42).

inammissibbli. Madankollu, it-tielet aggravju ssollevat mir-Repubblika tal-Polonja jqajjem il-kwistjoni dwar jekk, fit-tliet ċirkustanzi singolari ta' din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja għandhiex tieħu t-triq ta' interpretazzjoni *secundum legem*, jew saħansitra ta' *praeter legem*, tad-dritt tal-Unjoni, li tista' twassal għal soluzzjoni differenti.

22. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni b'mod iktar preċiż li l-applikazzjoni stretta tad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar it-termini għall-preżentata ta' rikors ma għandhiex twassal biex tiġi aċċettata inugwaljanza fil-protezzjoni ġudizzjarja bejn Stati Membri "antiki" u "ġodda". L-Istati Membri ma jistgħux jiċċaħħdu mid-dritt tagħhom li jintroduċu rikors abbażi tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 230 KE, li jiddefinixxi l-*locus standi* tal-Istati Membri u jikkostitwixxi l-espressjoni tad-dritt naturali tagħhom għall-protezzjoni tal-interessi ekonomiċi u soċjali tagħhom mill-qrati tal-Unjoni, kontra att ġuridiku li jkun indirizzat lilhom. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma jistgħux, għalhekk, permezz tal-għażla tad-data tal-pubblikazzjoni ta' att indirizzat lill-Istati Membri kollha, iċaħħdu lill-Istati Membri ġodda mid-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja. B'referenza f'dan ir-rigward għall-punt 50 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, hija tqis li, meta ċaħdet ir-rikors tagħha bħala inammissibbli, il-Qorti Ġenerali manifestament kisret il-prinċipju tal-istat tad-dritt u l-prinċipju tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Ir-Repubblika tal-Polonja żżid tgħid li, kuntrarjament għal dak li qalet il-Qorti Ġenerali fil-punt 55 tad-digriet ikkontestat, is-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali hi eżempju eċċellenti ta' ċirkustanzi eċċezzjonali.

23. Din il-kawża tqiegħed inkwistjoni l-atti tad-dritt sekondarju magħmula mill-Unjoni bejn id-data tal-iffirmar u d-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Adeżjoni, adottati sabiex iwieġbu għall-ħtiġijiet tal-imsemmija adeżjoni u għalhekk applikabbli għall-Istat Membru l-ġdid jew għall-Istati Membri firmatarji tal-imsemmi Trattat.

24. It-tweġiba għall-argument prinċipali kif imqajjem mir-Repubblika tal-Polonja twassalni biex nadotta ċerta perspettiva, ħaġa li r-riflessjonijiet ta' natura ġenerali ħafna li ġejjin jippruvaw jagħmlu.

25. Għandu jigi enfasizzat, minn naħa waħda, illi l-Unjoni hija — din hija waħda mill-partikolaritajiet tagħha meta mqabbla mas-suġġetti l-oħra tal-liġi internazzjonali — Unjoni ta' Stati — u ta' popli — involuta f'attività normattiva kontinwa, li ma tieqaf kwazi qatt u li sallum tilħaq intensità li ma hijiex magħrufa f'organizazzjoni internazzjonali fis-sens l-iktar ġeneriku tat-terminu. Mhix b'kumbinazzjoni li l-ordinament ġuridiku li jikkostitwixxi l-Unjoni ngħatawlu l-karatteristiċi tal-awtonomija, tas-supremazija u tal-effikaċja li huwa magħruf li huma tagħha [23].

26. Għandu jigi enfasizzat, min-naħa l-oħra, li t-tkabbir progressiv tal-Unjoni, li oriġinarjament kienet iffurmata minn sitt Stati Membri, ma huwiex fenomenu eċċezzjonali, anzi, għall-kuntrarju, hu kosostanzjali sabiex jintlaħaq dan l-għan. Id-dħul ta' Stat Ewropew ġdid fl-Unjoni jikkostitwixxi, f'din il-perspettiva, proċess li ta' kull darba huwa iktar kumpless, relatat b'mod dirett mal-intensità tal-integrazzjoni u mal-ġid li dejjem jikber tal-*acquis* tagħha [24].

23 — Ara,b'mod partikolari, R. Barents, *The Autonomy of Community Law*, Kluwer, 2004 u D. Simon, "Les fondements de l'autonomie du droit communautaire", fi *Droit international et droit communautaire — Perspective actuelles*, trente-troisième colloque de la societe francaise pour le droit international, Pedone, 2000, p. 207.

24 — Ma teżisti l-ebda definizzjoni tal-*acquis*, minkejja li l-kunċett jinsab użat fit-trattati nfushom. Fid-dikjarazzjoni komuni dwar il-politika komuni barranija u tas-sigurtà, adottata mill-plenipotenzjarji u mehmuża mal-Att Finali ta' Adeżjoni tal-1994 (ĠU C 241, 29 ta'Awwissu 1994, p. 381), l-*acquis* Komunitarju hu, madankollu, iddefinit bħala "id-drittijiet u l-obbligi relatati mas-sistema tal-Unjoni u l-qafas istituzzjonali tagħha".

27. Minn dan isegwi li l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni ma jieqaf kważi qatt milli jiffunzjona u li l-attività normattiva tiegħu ma jistax tiġi interrott b'mod partikolari matul il-proċess ta' tkabbir [25]. Hija din il-partikolarità li tagħti lok għall-problema li nħolqot permezz tal-atti adottati mill-Unjoni bejn id-data tal-iffirmar tat-trattati u l-atti tal-adeżjoni u d-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom, fejn l-adozzjoni tagħhom tista' tkun affettwata mit-tkabbir u għalhekk huma ppubblikati qabel is-sħubija tal-pajjiżi ġodda anki jekk mhux neċessarjament ikunu fis-seħħ qabel dik id-data. Anki jekk it-trattati u l-atti tal-adeżjoni jistgħu jipprovdu huma stess [26], *ex ante*, il-kontenut u l-effetti ta' din l-attività normattiva, jidher madankollu b'mod biżżejjed ċar li dawn il-possibbiltajiet huma bla dubju ta' xejn kemmxejn limitati.

28. Dan il-fenomenu jpoġġini għalhekk quddiem liġi sekondarja tal-Unjoni li l-għan tagħha huwa li tapplika kemm għall-Istati Membri l-qodma kif ukoll għal dawk ġodda tal-Unjoni mingħajr ma' dawn tal-aħħar "ipparteċipaw" fl-abbozzar tagħha [27].

29. L-awtorità mogħtija lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni mid-dispożizzjonijiet bħall-Artikolu 2(3) tat-Trattat tal-Adeżjoni li jadottaw atti leġiżlattivi sekondarji bejn id-data tal-iffirmar tal-imsemmi Trattat u d-dħul tiegħu fis-seħħ toħloq inugwaljanza fit-trattament bejn żewġ gruppi ta' Stati Membri, l-ewwel wieħed iffurmat mill-Istati diġà membri fid-data tal-adozzjoni tal-imsemmija atti u li għaldaqstant diġà pparteċipaw fl-abbozzar tagħhom, u t-tieni ffurmat minn Stati li għadhom ma humiex membri u li ma pparteċipawx f'dan l-abbozzar [28].

30. Huwa importanti, f'dan ir-rigward, li jiġi enfasizzat li l-idea ta' Unjoni tad-dritt, minn issa 'l quddiem il-valur tal-istat tad-dritt, timponi mhux biss rispett għad-drittijiet fundamentali u l-issuġġettar tal-istituzzjonijiet għall-istħarriġ tal-konformità tal-atti tagħhom mal-karta kostituzzjonali

25 — Din hi problema pjuttost speċifika mill-perspettiva tad-dritt tat-trattati, li huwa bil-bosta differenti minn dak, iktar magħruf, tal-applikazzjoni provviżorja tat-trattati. Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 218 (5) TFUE (li qabel kien l-Artikolu 300(2) KE), li jipprovdi għall-possibbiltà għall-Kunsill, fuq proposta tan-negozjatur, li jadotta deċiżjoni dwar l-applikazzjoni provviżorja ta' trattat qabel id-dħul tagħha fis-seħħ. Fuq din it-tema, ara, pereżempju, A. Geslin, *La mise en application provisoire des traités*, Pedone, 2005; D. Verwey, *The European Community, the European Union and the International Law of Treaties*, TMC Aser Press, 2004, p. 124 *et seq*; D. Mathy, "Commentaires de l'article 24 des conventions de Vienne de 1969 et 1986", f'O. Corten u P. Klein, *La Convention de Vienne sur le droit des traités*, Bruylant, 2006, Vol. 1, p. 1045; R. Lefeber, "The provisional Application of Treaties", f'J. Klabbers u R. Lefeber, *Essays on the Law of Treaties — A Collection of Essays in Honour of Bert Vierdag*, Nijhoff, 1998, p. 81 u D. Vignes, *Une notion ambiguë: la mise en application provisoire des traités*, AFDI, 1972, p. 181.

26 — Din l-eventwalità ma hijiex rari fid-dritt tal-Unjoni. Wieħed diġà jsib dispożizzjonijiet ekwivalenti għal dawk tal-Artikolu 2(3) tat-Trattat tal-Adeżjoni tal-2004, li fuqu huwa bbażat ir-Regolament Nru 60/2004, fit-Trattat ta' Adeżjoni tal-1994 (ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja, Ir-Renju tal-Isvezja) [Artikolu 2(3)] kif ukoll fit-Trattat ta' Adeżjoni tal-1985 (ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika tal-Portugall) [Artikolu 2(3)]. It-Trattat ta' Adeżjoni tal-2005 (ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija) [Artikolu 4(3)], fih l-istess tipi ta' dispożizzjonijiet. Ara wkoll id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej, tal-11 ta' Ġunju 1985 dwar l-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża fil-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar (ĠU L 302 tal-15 ta' Novembru 1985, p. 5). Min-naħa l-oħra, it-Trattati ta' Adeżjoni tal-1972 (Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq) u tal-1979 (ir-Repubblika Ellenika) ma fihomx dispożizzjonijiet ekwivalenti. Mingħajr ma nidħlu f'dettalji hawnhekk, wieħed irid iħakkar li l-Qorti tal-Ġustuzzja ltaqgħet ma' dispożizzjonijiet li, biex ikunu differenti, ma jikkorrispondux mal-istess tip ta' thassib. Ara, b'mod partikolari, is-sentenza, tat-2 ta' Ottubru 1997, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-259/95, Ġabra p. I-5303). Id-dispożizzjonijiet ta' din in-natura jidhru li huma riżultat tal-prassi rikka ta' abbozzar u ta' implementazzjoni tal-ftehim ta' sħubija akkumulati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, kienet x'kienet ir-raġuni li għaliha ġew introdotti fit-trattti tal-adeżjoni. L-għan ewlieni tagħhom hu li jippermettu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jieħdu l-miżuri elenkati b'mod eżawrjenti, meħtieġa għall-adeżjoni, iżda li ġew adottati qabel l-iffirmar tat-trattat u l-atti tal-adeżjoni li daħħlu l-*acquis* Komunitarju.

27 — Il-karatteristika ewlenija tal-liġi sekondarja maħluqa b'dan il-mod hi li l-Istati Membri l-ġodda ma jistgħux "jipparteċipaw" fl-abbozzar tagħha, anki jekk huma l-benefiċjarji ewlenin tagħha. Ċertament, l-atti ta' adeżjoni minn dejjem raw li tingħata attenzjoni kbira biex jiġu stabbiliti proċeduri speċjali għall-adozzjoni ta' ċerti deċiżjonijiet u miżuri li għandhom jittieħdu matul il-perijodu qabel l-adeżjoni. L-eżistenza ta' dawn il-proċeduri, li essenzjalment jikkonferixxu lill-Istati applikanti għas-sħubija dritt sempliċi li jiġu kkonsultati, madankollu ma timpedix il-"parteċipazzjoni" ta' dawn għall-adozzjoni ta' miżuri li ma jkunux ġew aċċettati formalment skont l-*acquis communautaire*. Ara, f'dan il-każ, il-"proċedura ta' informazzjoni u konsultazzjoni għall-adozzjoni ta' ċerti azzjonijiet u deċiżjonijiet oħra matul il-perijodu ta' qabel l-adeżjoni", anness għall-Atti ta' Adeżjoni tal-2003 (ĠU 2003 L 236 tat-23 ta' Settembru 2003, p. 987).

28 — F'dan ir-rigward, jista' jiġi osservat li fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Ġunju 2009, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni (T-257/04, Ġabra p. II-1545, punt 235), il-Qorti Ġenerali stabbilixxiet li r-Repubblika tal-Polonja pparteċipat biss fil-kwalità tagħha ta' osservatur fl-adozzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1972/2003, tal-10 ta' Novembru 2003, dwar il-miżuri tranżitorji li għandhom ikunu adottati fir-rigward tal-kummerċ fi prodotti agrikoli minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u s-Slovakkja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 474).

li jikkostitwixxu t-trattati [29] kif ukoll mal-prinċipji ġenerali tad-dritt [30], iżda wkoll il-ħolqien demokratiku tal-liġi sekondarja tal-Unjoni, li timplika l-parteċipazzjoni ugwali tal-Istati Membri kollha [31], irrispettivament jekk direttament, permezz tal-membri tal-Parlament Ewropew jew permezz tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa jew il-Kunsill [32], jew indirettament fil-kuntest tad-delegazzjoni tal-kompetenzi tal-Kunsill [33], jew, minn issa 'l quddiem, tal-Parlament u tal-Kunsill [34].

31. Madankollu huwa importanti li jiġi enfassizat li n-nuqqas ta' parteċipazzjoni ta' Stati Membri futuri fl-abbozzar ta' atti adottati f'dawn il-kundizzjonijiet speċifiċi jistgħu ċertament, kif inhu l-każ fil-kawża prinċipali, jiġu leġittimati mil-liġi primarja, jiġifieri, it-Trattat u/jew l-atti tal-adeżjoni [35]. It-trattati u l-atti jistgħu, ċertament, jistabbilixxu l-ħolqien ta' dritt maħsub biex japplika għall-Istati Membri kollha, il-ġodda kif ukoll il-qodma, anki jekk meta dawk l-Istati l-Membri ġodda ma setgħux "jipparteċipaw" fil-ħolqien tiegħu, kemm-il darba dawn tal-aħħar jagħtu l-kunsens tagħhom billi jiffirmaw u jirratifikaw l-imsemmija trattati u atti.

32. Din l-aħħar partikolarità tista' faċilment tiġi aċċettata inkwantu tirriżulta min-"natura tal-ħaġa" [36]. Min-naħa l-oħra, il-kompitu li jikkonsisti fl-għoti ta' spjegazzjoni għan-nuqqas ta' rimedju legali li jippermetti lill-Istati Membri ġodda li jissuġġettaw għall-istħarriġ ġudizzjarju l-atti adottati fit-tali kundizzjonijiet huwa ferm iktar diffiċli.

33. Huwa car li l-Istati Membri "imminenti" bl-ebda mod ma jistgħu jikkontribixxu għall-ħolqien tal-liġi tal-Unjoni, jekk mhux permezz tal-preżenza tar-rappreżentanti tagħhom fi ħdan il-Kunsill, sakemm huma ma jsirux effettivament membri tal-Unjoni.

34. L-inugwaljanza quddiem it-Trattati inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma hijiex madankollu din, iżda hija dik li tirriżulta mill-fatt li l-Istati Membri l-ġodda ma jistgħux jeżerċitaw, bl-istess kundizzjonijiet tal-Istati Membri l-qodma, ir-rimedji legali kontra l-atti hekk adottati kull darba li t-terminu

29 — Biex jiġi riprodott wieħed mill-kriterji ta' Komunità wara ta' Unjoni tad-dritt imfakkra ta' spiss mill-Qorti tal-Ġustizzja minn mindu ngħatat is-sentenza, Les Verts vs Il-Parlament (iċċitata iktar 'il fuq, punt 23). Ara, ukoll, is-sentenzi tal-10 ta' Lulju 2003,Il-Kummissjoni vs BEI (C-15/00, Ġabra p. I-7281, punt 75); tat-18 ta' Jannar 2007, PKK u KNK vs Il-Kunsill (C-229/05 P, Ġabra p. I-439, punt 109); tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, Ġabra p. I-6351, punt 281), kif ukoll E u F, iċċitata iktar 'il fuq, (punt 24).

30 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-25 ta' Lulju 2002, Unión de Pequeños Agricultores vs Il-Kunsill (C-50/00 P, Ġabra p. I-6677, punt 38), u tal-5 ta' Ottubru 2006, Il-Kummissjoni vs Franza (C-232/05, Ġabra p. I-10071, punt 57).

31 — Artikolu 4(2) TFUE.

32 — Ara wkoll, f'dan ir-rigward, punt 6 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 5 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-411/06, Ġabra p. I-7585).

33 — Fuq il-bażi tal-Artikolu 202 KE. Huwa biżżejjed, f'dan ir-rigward, li wieħed jirreferi għat-testi li jirregolaw il-komitoloġija: Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implementazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 124). Ara wkoll ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-proċeduri għall-implementazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implementazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni, kif emendat bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU 2008, C 143, p. 1, u rrettifikata ĠU C 154, p. 24). Ara, b'mod partikolari, J.-C. Piris, "La comitologie: vers l'épilogue d'une longue saga" f'*Chemins d'Europe — Mélanges en l'honneur de Jean-Paul Jacqué*, Dalloz, 2010, p. 547; J.-P. Jacqué, "L'éternel retour — Réflexions sur la comitologie", f'*Mélanges en hommage à Jean-Victor Louis*, edizzjonijiet tal-ULB, 2003, p. 211 u K. Lenaerts u A. Verhoeven, *Towards a Legal Framework for Executive Rule-Making in the EU? The Contribution of the New Comitology Decision*, CMLR, 2000, p. 645.

34 — Huwa opportun li jiġi enfasizzat li l-Artikolu 291 TFUE qaleb ta' taħt fuq l-eżerċizzju mill-Kummissjoni tal-kompetenzi tal-implementazzjoni tagħha. Ara, f'dan ir-rigward, ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Frar 2011, li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implementazzjoni (ĠU L 55, p. 13), li jirrevoka d-Deċiżjoni 1999/468, iċċitata iktar 'il fuq. Ara P. Craig, *Delegated Acts — Implementing acts and the new Comitology Regulation*, European Law Review, 2011, Nru°5, p. 671 u A. Edenharter, *Die Komitologie nach dem Vertrag von Lissabon: Verschiebung der Einflussmöglichkeiten zugunsten der EU-Kommission*?, Die öffentliche Verwaltung, 2011, p. 645.

35 — Għandu sempliċement jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-protokolli u l-annessi għal att tal-adeżjoni jikkostitwixxu dispożizzjonijiet ta' liġi primarja li, sakemm l-att tal-adeżjoni ma jipprovdix mod ieħor, ma jistgħux jiġu sospiżi, modifikati jew imħassra ħlief skont il-proċeduri stabbiliti għar-reviżjoni tat-trattati oriġinali (ara s-sentenza tal-11 ta' Settembru 2003, L-Awstrija vs Il-Kunsill, C-445/00, Ġabra p. I-8549, punt 62). Il-Qorti Ġenerali, min-naħa tagħha, iddeċidiet li dispożizzjoni f'att ta' adeżjoni tista' sservi ta' bażi ġuridika għall-adozzjoni ta' miżuri leġiżlattivi (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Settembru 2002, Alpharma vs Il-Kunsill, T-70/99, Ġabra p. II-3495, punti 106 u 107).

36 — Kif kien iħobb jgħid il-Baruni de la Brède (Montesquieu, *De l'esprit des lois*, 1748).

għall-preżentata ta' rikors kontra dawn tal-aħħar jiskadi fid-data li fiha huma effettivament isiru Stati Membri, minħabba s-sempliċi fatt tad-data tal-pubblikazzjoni tagħhom [37].

35. F'dan ir-rigward, wieħed irid jitlaq mill-prinċipju, issa stabbilit fl-Artikolu 4 (2) TUE li "l-Unjoni għandha tirrispetta l-ugwaljanza tal-Istati Membri fir-rigward tat-trattati", li jeskludi, fil-każijiet kollha, inugwaljanzi mhux iġġustifikati bejn l-Istati Membri [38]. Issa, ma huwiex diffiċli li tinstab ġustifikazzjoni għall-inugwaljanza li tirriżulta mill-fatt li Stat, li għandu bħal kull Stat Membru ieħor josserva att, isib ruħu, fil-konfront tal-istess att, biss b'relazzjoni ta' aċċettazzjoni sempliċi, bl-esklużjoni ta' kull ħaġa oħra.

36. Fil-fatt, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawza prinċipali, l-Istati Membri l-qodma kienu "pparteċipaw" fl-abbozzar tal-atti adottati fit-tali kundizzjonijiet, b'xi mod jew b'ieħor, u huma jistgħu, bħala tali, direttament jaġixxu ġudizzjarjament kontra dawn l-atti abbażi tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 230 KE, b'osservanza tat-termini previsti fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE, bħala rikorrenti privileġġjati. L-Istati Membri l-ġodda, min-naħa l-oħra, li neċessarjament iċċaħħdu minn kull "parteċipazzjoni" fl-abbozzar ta' dawn l-atti, huma bl-istess mod imċaħħda minn kull tip ta' azzjoni, bħala tali, kontra dawn tal-aħħar. Drabi oħra, kien intuża t-terminu "ukase" biex jiddeskrivi l-atti adottati u applikati f'tali kundizzjonijiet. Issa, att li għandu sempliċement jiġi obdut għandu jitqies bħala strutturalment mhux relatat mal-idea ta' Unjoni ta' dritt. Jekk, f'termini ġenerali ħafna, il-parteċipazzjoni fl-abbozzar ta' att ma tistax tiġi ggarantita lill-Istati Membri destinatarji kollha, l-idea oriġinali ta' liġi tal-Unjoni tipprekludi li jiġi eskluż kwalunkwe rimedju legali kontra l-imsemmi att.

37. Ċertament, bħala regola ġenerali, ma hemmx diffikultà kbira li jiġi aċċettat li t-trattati u l-atti tal-adeżjoni jistabbilixxu espressament dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ir-rimedji legali, jew saħansitra, f'ċerti limiti, restrizzjonijiet għall-imsemmija rimedji legali.

38. L-idea ta' Unjoni ta' dritt timplika, min-naħa l-oħra, għall-inqas fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tad-dritt primarju, li mhux possibbli li jiċċaħħad id-dritt ta' appell lill-Istati Membri ġodda destinatarji tal-atti adottati bejn id-data tal-iffirmar u d-data tad-dħul fis-seħħ tat-trattati u tal-atti li jippermettu l-adeżjoni ta' dawn l-Istati. Din timplika li l-imsemmija Stati Membri għandhom, f'din il-kapaċita' u mill-mument li huma jiksbu din il-kapaċità, il-possibbiltà li jattakkaw, fi żmien raġonevoli, il-liġi sekondarja maħsuba biex tapplika għal Unjoni estiża li huma kienu kkontribwixxew biex joħolqu.

39. Barra minn hekk, huma għandu jkollhom din il-possibbiltà bħala Stati Membri, u mhux bħala sempliċi persuni ġuridiċi [39] jew bħala Stati terzi.

40. Fil-fatt, u fl-ewwel lok, hija fil-kwalità tagħhom ta' Stati Membri "imminenti" li huma jintlaqtu minn dawn l-atti u mhux fil-kwalità ta' persuni ġuridiċi jew ta' Stati terzi, u hija fil-kwalità tagħhom ta' Stati Membri u bil-kundizzjoni li jkunu effettivament saru Stati Membri li dawn l-atti japplikaw għalihom [40]. Id-dispożizzjonijiet ta' dawn l-atti jikkonċernawhom ukoll b'mod kostituttiv bħala Stati Membri u hija f'din il-kwalità li dawn jistgħu jeżerċitaw ir-rimedji legali tagħhom.

37 — Id-dritt għal rikors, li jiddependi għalhekk fuq iċ-ċirkustanza kontinġenti li hija d-data tal-pubblikazzjoni tal-att, hu għalhekk suġġett għall-fortuna.

38 — Hawn ta' min ifakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-opportunità li tirrifjuta l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet ta' att ta' adeżjoni proposta minn Stat Membru ġdid bħala "li jwassal għal konsegwenzi mhux aċċettabbli mill-perspettiva tal-ugwaljanza bejn l-Istati Membri fir-rigward ta' ċerti regoli komuni essenzjali għall-funzjonament tas-suq komuni" (ara s-sentenza tad-29 ta' Marzu 1979, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, iċċitata iktar 'il fuq, punt 9).

39 — Kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidietha fir-rigwrd tal-leġittimazzjoni attiva tal-Parlament, is-"sistema" tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE hija "inadattata"għal rikors għal annullament ta' Stat Membru (ara s-sentenza tat-22 ta' Mejju 1990, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-70/88, Ġabra p. I-2041, punt 14).

40 — Dwar dan il-punt, ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-5 ta' Diċembru 2000, Eurostock (C-477/98, Ġabra p. I-10695, punt 58), kif ukoll tat-22 ta' Ġunju 2011, Denkavit Nederland *et* (C-346/09, Ġabra p. I-5517, punti 65 u 66).

41. Barra minn hekk, u fit-tieni lok, l-imsemmija Stati Membri ġodda għandu jkollhom dritt għal rikors fis-sens tal-Artikolu 230 KE taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-Istati Membri l-oħra, kundizzjonijiet li dawn tal-aħħar igawdu għaliex "ipparteċipaw" fil-ħolqien ta' dan id-dritt fuq l-istess livell tal-Istati Membri l-qodma. F'dan ir-rigward, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li mhix koinċidenza li l-Istati Membri [41], l-istess bħall-Parlament [42], bħall-Kunsill u bħall-Kummissjoni [43], jibbenefikaw, abbażi tal-formula stabbilita mid-dutturina, mill-istatus ta' rikorrenti "privileġġjati".

42. Għalhekk, interpretazzjoni tal-Artikolu 230 KE li twassal biex ir-rikors ippreżentat mir-Repubblika tal-Polonja kontra r-Regolament Nru 60/2004 jiġi ddikjarat bħala inammissibbli sempliċement għaliex ġie introdott wara t-terminu ta' xahrejn wara d-data tal-pubblikazzjoni tiegħu, għandha titqies bħala li tmur kontra l-valur tal-istat tad-dritt u kontra l-prinċipju ta' ugwaljanza tal-Istati Membri quddiem it-trattati [44].

43. Sussegwentement, għandu jintlaqa' l-argument imressaq mir-Repubblika tal-Polonja fil-kuntest tat-tieni u t-tielet aggravju tagħha, u, mingħajr il-ħtieġa li jiġu eżaminati l-aggravji l-oħra, id-digriet ikkontestat għandu jiġi annullat.

44. Għad hemm il-ħtieġa li tiġi eżaminata l-kwistjoni, mhux insinjifikattiva, dwar is-soluzzjonijiet li huma għalhekk possibbli għall-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrimedja l-preġudizzju li interpretazzjoni tat-trattati, li teskludi d-dritt għal rikors ta' Stat Membru ġdid kontra atti adottati u ppubblikati bejn id-data tal-iffirmar u d-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat u tal-att li jistabbilixxi d-dħul tiegħu, tista' toħloq fil-konfront tal-valur tal-Istat tad-dritt u tal-prinċipju ta' ugwaljanza tal-Istati Membri quddiem t-trattati u d-dritt privileġġjat ta' rikors ta' Stat Membru f'sitwazzjoni simili għal dik fil-kawża prinċipali.

45. Fil-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq [45], żewġ metodi jistgħu jiġu adottati, l-ewwel wieħed *praeter legem* u t-tieni *secundum legem*.

46. Filwaqt li għandu jiġi rrikonoxxut li l-ewwel metodu jista' jiġi esplorat mill-Qorti tal-Ġustizzja, fuq il-linja tal-proposta fformulata fil-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq [46], jien madankollu favur it-tieni metodu, favur interpretazzjoni bbażata fuq l-ispirtu u s-sistema tat-trattati, fuq il-linja tas-sentenzi li permezz tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet il-leġittimità passiva [47] u wara l-leġittimita attiva [48] tal-Parlament Ewropew.

47. Għandu jitfakkar illi, fis-sentenza tagħha Les Verts vs Il-Parlament, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha kwistjoni dwar jekk l-atti adottati mill-Parlament setgħux ikunu s-suġġett ta' rikors għal annullament abbażi tal-Artikolu 173 tat-Trattat KEE [49], minkejja li din id-dispożizzjoni, f'dak iż-żmien, kienet issemmi biss l-atti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

41 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-12 ta' Lulju 1979, L-Italja vs Il-Kunsill (166/78, Ġabra p. 2575, punti 5 u 6), kif ukoll tat-23 ta' Frar 1988, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill (131/86, Ġabra p. 905, punt 6).

42 — Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Nizza.

43 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-26 ta' Marzu 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (45/86, Ġabra p. 1493, punt 3), kif ukoll tal-21 ta' Jannar 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-378/00, Ġabra p. I-937, punt 28).

44 — Wieħed irid iżid, f'dan ir-rigward, li d-dritt għal rikors li għandu jiġi rrikonoxxut lil Stat Membru ġdid fis-sitwazzjoni bħal ma hija dik tar-Repubblika tal-Polonja fir-rigward tar-Regolament Nru 60/2004 ma jistax jiġi kkwalifikat fuq il-bażi tas-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-299/05, Ġabra p. I-8695, punti 29 u 30), fejn il-Qorti Ġenerali applikat fis-sentenza tagħha Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punti 69 sa 73), suġġetta għal appell fil-kawża Il-Polonja vs Il-Kummissjoni (C-335/09 P), iċċitata iktar 'il fuq. Tali dritt għal rikors ma jistax, fil-fatt, jiddependi fuq in-natura kontinġenti ta' xi tibdiliet li saru mill-istituzzjonijiet għall-azzjonijiet tagħhom.

45 — Punti 54 sa 60.

46 — Ara l-punt 59. Peress illi l-Istat Membru l-ġdid kien affettwat mill-att Komunitarju biss taħt il-kundizzjoni u b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat u tal-Att tal-Adeżjoni, it-terminu għall-preżentata ta' rikors, previst fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 230 KE, ma jistax jibda jiddekorri qabel dan id-dħul fis-seħħ.

47 — Sentenza Les Verts vs Il-Parlament, iċċitata iktar 'il fuq (punti 23 sa 26).

48 — Sentenza tat-22 ta' Mejju 1990, Il-Parlament vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (punti 11 sa 27).

49 — Ex Artikolu 230 KE, li sar l-Artikolu 263 TFUE.

48. Fuq il-bazi tal-idea ta' Komunità ta' dritt u li tqis lit-trattati bħala "karta kostituzzjonali", il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li interpretazzjoni tal-Artikolu 173 tat-Trattat KEE li kienet teskludi l-atti tal-Parlament adottati fl-isfera tat-Trattati ta' dawk li jistgħu jiġu kkontestati tista' twassal għal riżultat kuntrarju kemm għall-ispirtu tat-Trattat, kif jistabbilixxi l-Artikolu 164 tat-Trattat KEE [50], kif ukoll għas-sistema tiegħu, sa fejn, b'mod partikolari, tali atti jistgħu jidħlu fuq il-kompetenzi tal-Istati Membri jew ta' istituzzjonijiet oħra jew jistgħu jaqbżu l-limiti tal-kompetenzi tal-awtur tagħhom mingħajr ma tkun miftuħa l-possibbiltà' li dawn jiġu suġġetti għall-istħarriġ tagħha. Hija kkonkludiet fuq dan il-punt, fuq il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mancini [51], li r-rikorsi għall-annullament intiżi kontra l-atti tal-Parlament kienu ammissibbli, sakemm dawn kienu maħsuba sabiex jipproduċu effett ġuridiku fir-rigward ta' terzi.

49. Bl-istess mod, kif fakkar l-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-punt 27 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq [52], minkejja l-fatt li l-Parlament ma kellux dritt li jressaq rikors għal annullament taħt l-Artikolu 173 KEE jew taħt l-Artikolu 146 KEEA, il-Qorti tal-Ġustizzja, peress li qieset li l-inkarigu fdat lilha bl-Artikolu 164 tat-Trattat KEE kien impona fuqha l-ħtieġa li tiżgura ż-żamma tal-bilanċ istituzzjonali maħluq mit-trattati u, bħala konsegwenza, sabiex tiżgura li jkun hemm stħarriġ ġudizzjarju tal-osservanza tal-prerogattivi tal-Parlament, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat, taħt kundizzjonijiet [53], l-ammissibbiltà tar-rikorsi għal annullament ta' din l-istituzzjoni kontra att tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni, biex b'hekk marret lil hinn mill-ġurisprudenza inizjali tagħha [54]. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-"lakuna proċedurali", ikkostitwita min-nuqqas ta' dispożizzjoni li tistabbilixxi d-dritt għal rikors tal-Parlament, ma setgħetx "tmur kontra l-interess fundamentali marbut maż-żamma u mal-osservanza ta' dan il-bilanċ istituzzjonali" [55].

50. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja, fiż-żewġ każijiet, ippreferiet l-interpretazzjoni *praeter legem* tat-trattati meta ma kienx possibbli li jiġi ggarantit b'mod ieħor id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, li huwa komponent essenzjali ta' Unjoni ta' dritt, peress illi l-protezzjoni ġudizzjarja tal-persuni kollha fir-rigward tal-atti tal-Parlament intiżi biex jipproduċu effetti ġuridiċi fir-rigward ta' dawn tal-aħħar fl-ewwel każ u d-dritt għal rikors tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-atti tal-istituzzjonijiet l-oħra jippreġudikaw il-prerogattivi tiegħu u għalhekk il-bilanċ istituzzjonali fit-tieni każ.

51. Wieħed jista' saħansitra jżid li l-interpretazzjoni *praeter legem* hija partikolarment valida kull darba li tkun l-unika risposta valida għal kwistjoni, li ma tkunx prevista bit-trattati, li tqiegħed radikalment inkwistjoni wieħed mill-valuri tal-Unjoni bħalma huma dawk elenkati fl-Artikolu 2 TUE [56].

52. Il-prinċipju ta' ugwaljanza tal-Istati Membri quddiem it-trattati, flimkien mal-valur tal-Istat tad-dritt, jitlob li jiġi rrikonoxxut lill-Istati Membri ġodda d-dritt għal rikors kontra l-atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawza prinċipali. Fid-dawl tar-rekwiziti taċ-ċertezza tas-sitwazzjonijiet ġuridiċi, dan id-dritt għal rikors għandu, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi oħra u b'analoġija mad-dispożizzjonijiet tal-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE, għandu jkun is-suġġett ta' terminu previst f'din l-aħħar dispożizzjoni u jibda jiddekorri mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmi Trattat ta' Adeżjoni.

50 — Ex Artikolu 220 KE, dispożizzjoni li issa hija riprodotta fl-Artikolu 19 TUE.

51 — Ara l-punti 6 u 7 tal-konklużjonijiet tal-kawża li wasslet għas-sentenza Les Verts vs Il-Parlament, iċċitata iktar 'il fuq.

52 — Punt 55.

53 — Ir-rikors kien ammissibbli biss sa fejn kien intiż li jissalvagwardja l-prerogattivi tal-Parlament Ewropew u sa fejn kien ibbażat fuq motivi mnissla mill-ksur ta' dawn tal-aħħar.

54 — Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet, fil-fatt, ikkonstatat, fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Settembru 1988, Il-Parlament vs Il-Kunsill (302/87, Ġabra p. 5615, punti 26 sa 28), li, fl-istat tat-testi applikabbli dak in-nhar, ma kienx possibbli li jiġi rrikonoxxut il-*locus standi* tal-Parlament, kuntrarjament għal dak li kien ikkonkluda l-Avukat Ġenerali Darmon.

55 — Sentenza tat-22 ta' Mejju 1990, Il-Parlament vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, punt 26.

56 — V. Constantinesco, "The ECJ as a Law-Maker: *praeter aut contra legem*", f'D. O'Keefe (ed.), *Judicial Review in European Union Law*, *Liber Amicorum in Honour of Lord Slynn of Hadley*, Kluwer Law International, 2000, p. 73.

IV – Dwar ir-rikors kontra r-Regolament tal-Kummissjoni Nru 60/2004

53. Mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li meta l-appell ikun fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' jew tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tagħti deċiżjoni.

54. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-elementi neċessarji biex tagħti deċiżjoni definittiva dwar l-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali[57], dan ma huwiex madankollu l-każ f'dak li jirrigwarda l-eżami fil-mertu tar-rikors tar-Repubblika tal-Polonja.

55. Huwa ċar mill-iżviluppi li pproċedew illi r-rikors tar-Repubblika tal-Polonja, li ġie ppreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-28 ta' Ġunju 2004, ma kienx tardiv, li, għalhekk, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mressqa mill-Kummissjoni, fil-kuntest tiegħu din tal-aħħar invokat biss id-dekadenza, għandha tinċaħad u li r-rikors tar-Repubblika tal-Polonja għandu għalhekk jiġi ddikjarat bħala ammissibbli.

56. Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Polonja titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi b'mod definittiv dwar il-merti tar-rikors kontra r-Regolament Nru 60/2004, skont l-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, u tikkonstatat formalment l-annullament tal-Artikolu 5, tal-Artikolu 6(1) sa (3), tal-Artikolu 7(1), kif ukoll tal-Artikolu 8(2)(a) tal-imsemmi regolament. Hija tikkunsidra, fil-fatt, li l-kawża hija lesta biex tiġi deċiża b'mod definittiv, filwaqt li tinvoka, f'dan ir-rigward, il-koinċidenza bejn l-ilmenti mqajma f'din il-kawża u dawk imqajma fil-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq. Hi tippreċiża wkoll li hija ser integralment iżżomm il-motivi kollha ppreżentati f'dan ir-rigward, kemm fir-rikors kif ukoll fir-replika tagħha, fl-ewwel istanza.

57. Minħabba li l-Qorti Ġenerali ċaħdet kompletament bħala inammissibbli r-rikors kontra r-Regolament Nru 60/2004, mingħajr ma eżaminat il-motivi mqajma mir-Repubblika tal-Polonja[58], din il-kawża għandha, bħala konsegwenza, tiġi rrinvjata lill-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi fuq il-konklużjonijiet tar-Repubblika tal-Polonja intiżi għall-annullament tar-Regolament Nru 60/2004[59].

V – Konklużjonijiet

58. Nipproponi, għalhekk, li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi illi:

"1) Id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-10 ta' Ġunju 2009, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni (T-258/04), huwa annullat.

2) L-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni Ewropea quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea hija miċħuda.

3) Il-kawża għandha tiġi rrinvjata lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex din tiddeċiedi fuq il-konklużjonijiet tar-Repubblika tal-Polonja intiżi għall-annullament tal-Artikolu 5, tal-Artikolu 6(1) sa (3), tal-Artikolu 7(1) u tal-Artikolu 8(2)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni

57 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Mejju 2003, Pitsiorlas vs Il-Kunsill u Il-BCE (C-193/01 P, Ġabra p. I-4837, punt 32); tas-17 ta' Lulju 2008, Athinaïki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-521/06 P, Ġabra p. I-5829, punt 66); tad-9 ta' Lulju 2009, 3F vs Il-Kummissjoni (C-319/07 P, Ġabra p. I-5963, punt 99), kif ukoll tat-18 ta' Novembru 2010, NDSHT vs Il-Kummissjoni (C-322/09 P, Ġabra p. I-11911, punti 65 u 66).

58 — Ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2010, Athinaïki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-362/09 P, Ġabra p. I-13275, punt 79); tal-21 ta' Lulju 2011, L-Isvezja vs My Travel u Il-Kummissjoni (C-506/08 P, Ġabra p. I-6237, punt 126), kif ukoll tat-13 ta' Ottubru 2011, Deutsche Post u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-463/10 P u C-475/10 P, Ġabra p. I-9639, punti 81 u 82).

59 — Il-fatt li l-Qorti Ġenerali diġà kellha l-okkażjoni li tesprimi ruħha dwar il-validità tar-Regolament Nru 60/2004/KE fil-kuntest tal-eċċezzjoni tal-illegalità' f'kawża oħra [fil-kawża, is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2009, Ċipru vs Il-Kummissjoni (T-300/05 u T-316/05, punti 43 sa 153)] ma jistax, minkejja l-prossimità ta' ċerti motivi u tal-argumenti mqajma, jibdel din il-konklużjoni.

Nru 60/2004/KE, tal-14 ta' Jannar 2004, li jistabbilixxi miżuri transitorji fis-settur taz-zokkor bħala riżultat tad-dħul tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja.

4) L-ispejjeż huma rriżervati.